# Id-Disgħa u Għoxrin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Kull meta Mosè kien jerfa' jdejh, Iżrael kien jirbaħ.*

Eż 17, 8-13

**Qari mill-Ktieb tal-Eżodu**

F'dak iż-żmien, 8il-poplu ta' Għamalek qam u tqabad ma' Iżrael
f'Rafidim.

9Mosè qal lil Ġożwè: «Agħżel irġiel u mur tqabad ma' Għamalek;
jien noqgħod wieqaf fuq il-quċċata tal-għolja, bil-ħatar ta' Alla f'idi.»
10Ġożwè għamel kif qallu Mosè, u mar jitqabad mal-Għamalekin.
Mosè, Aron u Ħur telgħu fuq il-quċċata tal-għolja.

11Kull meta Mosè kien jerfa' jdejh, Iżrael kien jirbaħ; u kull meta kien
iniżżel idejh, kienu jirbħu l-Għamalekin. 12Meta idejn Mosè bdew
jitqalu, ħadu ġebla u qegħduhielu taħtu; u hu qagħad bilqiegħda,
waqt li Aron u Ħur żammewlu dirgħajh, wieħed kull naħa. Hekk
idejh baqgħu sodi merfugħa sa nżul ix-xemx.

13U Ġożwè qered lil Għamalek u l-poplu tiegħu b'xifer ix-xabla.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 120 (121), 1-2.3-4.5-6.7-8

R/. (2): L-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej

1Nerfa' għajnejja lejn l-għoljiet;
mnejn se tiġini l-għajnuna?
2L-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej,
li għamel is-sema u l-art. R/.

3Ma jħalli qatt li riġlek jogħtor;
ma jongħosx dak li jħarsek.
4Ara, la jongħos u lanqas jorqod
dak li jħares lil Iżrael. R/.

5Il-Mulej hu dak li jħarsek;
il-Mulej hu d-dell tiegħek fuq lemintek.
6Ma tolqtokx ix-xemx binhar,
anqas il-qamar billejl. R/.

7Iħarsek il-Mulej minn kull deni;
hu jħarislek ħajtek.
8Il-Mulej iħarsek fil-ħruġ u d-dħul tiegħek,
minn issa u għal dejjem. R/.





## Qari II

***Il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba.***

2 Tim 3, 14 – 4,2

**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Timotju**

Għażiż, 14ibqa' miexi f'dak li tgħallimt u emmint bis-sħiħ, għax taf
mingħand min tgħallimtu, 15u għax sa minn żgħoritek sirt midħla
tal-Kotba Mqaddsa, li jistgħu jagħtuk l-għerf li jwassal
għas-salvazzjoni permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù.

16L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla, u tiswa biex wieħed
jgħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, 17biex hekk
il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba.

4,1Nitolbok bil-ħerqa, quddiem Alla u Kristu Ġesù, li għandu jagħmel
ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin, f'isem id-Dehra tiegħu u s-Saltna
tiegħu: 2xandar il-kelma, insisti f'waqtu u barra minn waqtu, ċanfar,
widdeb, wissi, bis-sabar kollu u bit-tagħlim.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Lhud 4, 12

Hallelujah. R/. Hallelujah
Il-kelma ta' Alla hi ħajja u qawwija,
tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Alla jagħmel ħaqq lill-magħżulin tiegħu.*

Lq 18, 1-8

## Qari mill-Evanġelju skont San Luqa

F'dak iż-żmien, Ġesù qal parabbola lid-dixxipli tiegħu [1]biex jurihom
li għandhom dejjem jitolbu bla ma jaqtgħu. [2]Qalilhom: «Kien hemm
f'belt wieħed imħallef, li la kien jibża' minn Alla u lanqas iħabbel
rasu minn ħadd. [3]F'dik il-belt kien hemm waħda armla, u kienet tmur
għandu u tgħidlu: "Agħmilli ħaqq kontra l-għadu tiegħi."

[4]Hu ma riedx, u dam ħafna hekk; iżda mbagħad bejnu u bejn ruħu
qal: "Mhux għax nibża' minn Alla jew għax se nħabbel rasi min-nies,
[5]imma għallinqas għax din l-armla dejqitni; ħa nagħmlilha ħaqq, biex
ma tibqax ġejja u sejra sa ma tifnini."»

[6]U l-Mulej qal: «Isimgħu ftit x'jgħid  l-imħallef il-ħażin. [7]Imbagħad
Alla, lill-magħżulin tiegħu li jgħajtulu lejl u nhar, sejjer ma
jagħmlilhomx ħaqq? Se joqgħod itawwal magħhom? [8]Jiena
ngħidilkom li malajr jagħmlilhom ħaqq. Imma taħsbu intom li Bin
il-bniedem se jsib il-fidi fuq l-art meta jiġi?»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Tifħir lilek Kristu